MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 764/2003

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**John Mary Vella**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm184 (mija erba` u tmenin Lira Maltin centezmu) dovuti ghal import ta’ sitt (6) kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjez u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-10 ta’ Frar 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-16 ta’ Mejju 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------